## Min jista' jibbenefika mis-Servizzi ta' SAPPORT?

Persuni b'diżabilità ta' kull età, kemm jekk dawn qed jgħixu d-dar mal-familja, kif ukoll dawk li qed jgħixu f'istituzzjonijiet jew entitajiet oħra. Il-familjari tagħhom jew persuni oħra li jieħdu ħsiebhom għandhom ukoll iċ-ċans li jibbenefikaw mis-Servizzi ta' SAPPORT. Il-prijorità fl-għotja tas-Servizzi tingħata skond kemm tkun kritika s-sitwazzjoni u l-età tal-persuna. SAPPORT ma tagħmel l-ebda diskriminazzjoni fuq liema diżabilità għandha l-persuna.




## Min jagħti dawn is-Servizzi?

Nies professjonali u mħarrġa fil-qasam tad-diżabilità, li b'sens kbir ta' responsabilità, jagħtu s-servizz tagħhom lill-klijenti li jkunu qed jirċievu s-sapport tal-Aġenzija. Is-servizzi jingħataw mingħajr ħlas.

## Kif wieħed jista' jingħata s-Servizzi ta' SAPPORT?

Kull talba għal servizz għandha ssir lis-Servizzi ta' Ħidma Soċjali. L-applikant ikun mitlub jagħti l-informazzjoni kollha meħtieġa u jitmexxa skond il-bżonnijiet partikulari tal-individwu. Dawn it-talbiet għal servizz jiġu mressqa quddiem is-*Service Allocation Committee*, kumitat li għandu l-għan li jiżgura li la jkun hemm diskriminazzjoni u lanqas preferenzi fil-għoti ta' servizzi. Il-membri ta' dan il-kumitat jevalwaw it-talba li tkun saret u jiddeċiedu dwar l-għoti tas-servizz skont ir-riżorsi tal-Aġenzija SAPPORT.



## Kuntatti

**Uffiċċju Ċentrali tal-Aġenzija SAPPORT**
Blokk A, Town Centre,
Triq ir-Reġimenti Maltin,
Mtarfa MTF1540
Tel: (356) 2145 1868, 2145 1879
Fax: (356) 2145 3164
Email: sapport@gov.mt
**www.sapport.gov.mt**

**Servizzi ta' ħidma soċjali**
**Ċentru Ħidma Soċjali**
Triq Braille,
Santa Venera SVR1690
Tel: (356) 2144 2121, 2144 1273
Mob: (356) 7944 2121
Fax: (356) 2148 9210
Email: sws.sapport@gov.mt

**Servizzi ta' Matul il-Jum**
3, Triq Braille,
Santa Venera SVR 1690
Tel: (356) 2388 5000
Fax: (356) 2388 5161
Email: sapport@gov.mt

**Aġenzija APPOĠĠ**
Tel: (356) 2295 9000
Fax: (356) 2122 5354
**www.appogg.gov.mt**

**Aġenzija SEDQA**
Tel: (356) 2388 5110
Fax: (356) 2144 1029
**www.sedqa.gov.mt**

**Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali**

# IL-VIŻJONI TAGĦNA... IL-FIDUĊJA TIEGĦEK.



www.sapport.gov.mt

1

## MISSJONI

SAPPORT toffri servizzi professjonali ta' sapport biex itejbu l-kwalità tal-ħajja ta' persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom, b'modi innovattivi u personalizzati.

2

## VIŻJONI

SAPPORT taħdem mal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom biex tassigura l-mezzi, l-opportunitajiet u s-servizzi li bihom huma jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jieħdu sehem b'mod sħiħ fil-komunità.

3

## VALURI

SAPPORT tagħti valur lill-ugwaljanza, għażliet u opportunitajiet indaqs għal kulħadd, u għalhekk, għall-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fl-aspetti kollha tas-soċjetà. SAPPORT temmen li kemm il-persuna b'diżabilità kif ukoll is-soċjetà jistgħanew meta jkun hemm din l-inklużjoni sħiħa.

## X'servizzi toffri l-Aġenzija SAPPORT?

SAPPORT toffri servizz komplet lil persuni b'diżabilità u lill-familji tagħhom. Dawn jinkludu Servizz ta' Ħidma Soċjali, Servizzi fil-Komunità, Servizzi Residenzjali, Servizzi ta' Riżorsi u ta' *On-Call*, kif ukoll Servizzi ta' Matul il-Jum. SAPPORT twettaq dan ix-xogħol dejjem fl-aħjar interess tal-persuni b'diżabilità għal kwalità ta' għajxien aħjar u indipendenti. Is-servizzi li jingħataw huma żviluppati b'mod personalizzat, jiġifieri skond il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi personali ta' kull każ.



## SERVIZZ TA' ĦIDMA SOĊJALI

Is-Servizzi ta' Ħidma Soċjali jipprovdu ħidma biex ikunu rimedjati problemi soċjali li jiltaqgħu magħhom persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Din il-ħidma hi bbażata fuq pjan dwar kif jistgħu jintlaħqu x-xewqat u l-bżonnijiet tal-klijent u l-familja (jew min jieħu ħsiebu/ħsiebha); tara li l-persuna b'diżabilità għandha opportunitajiet indaqs u aċċess għad-drittijiet tagħha; kif ukoll tgħin biex ikollha l-għajnuna meħtieġa mis-Servizzi li hawn f'Malta u Għawdex, fosthom dawk tas-SAPPORT stess.

## SERVIZZI FIL-KOMUNITÀ

Is-Servizzi fil-Komunità joffru assistenza personali u interventi li jinkludu sapport dirett li jgħin lill-persuni b'diżabilità fil-ħiliet tal-għajxien ta' kuljum f'darhom, fil-post tax-xogħol u fil-komunità, fejn u kull meta tinqala' l-ħtieġa. L-interventi, mill-banda l-oħra, jipprovdu tagħlim u taħriġ lil persuni b'diżabilità biex jitgħallmu u jitrawwmu f'ħiliet li jeħtieġu fil-ħajja ta' kuljum, bħal komunikazzjoni ma' ħaddieħor, użu tal-mezzi pubbliċi, fost l-oħrajn.

## SERVIZZI TA' MATUL IL-JUM

Programmi li joffru l-opportunità lil persuni adulti b'diżabilità biex jintegraw f'oqsma differenti fis-soċjetà, skond l-interessi u l-ħiliet tagħhom, u jimxu lejn għajxien dejjem iktar independenti. Is-Servizzi ta' Matul il-Jum joffru tlett tipi ta' servizzi: *community outreach*, attivitajiet soċjali u edukattivi, u attivitajiet ta' divertiment.

## SERVIZZI RESIDENZJALI

Is-Servizzi Residenzjali jagħtu l-opportunità lil persuni b'diżabilità, li m'għandhomx familja jew l-ambjent tad-dar ma jippermettix jibqgħu jgħixu hemm, biex jgħixu għal rashom jew ma' persuni oħrajn. Dan is-Servizz jingħata f'appartamenti jew djar apposta li jistgħu jkunu r-residenzi ta' SAPPORT, id-dar tal-persuna stess, jew post ieħor immexxi minn entità differenti imma fi qbil mal-Aġenzija. Ir-residenti jitrawmu fil-ħiliet li jeħtieġu biex jgħixu fil-komunità, b'mod indipendenti kemm jista' jkun.



Servizzi ta' Riżorsi u ta' *On-Call*

Is-Servizzi ta' Riżorsi jassessjaw nies b'diżabilità li ngħataw jew qegħdin jirċievu servizzi ta' SAPPORT, u jfasslu pjan ta' intervent biex jgħinu lill-individwi b'diżabilità u l-familja tagħhom, jew min jieħu ħsiebhom, biex jilħqu l-għanijiet li jixtiequ. Dan filwaqt li jaraw li l-pjanijiet mfassla qed jirnexxu permezz ta' reviżjonjiet regolari. Dan is-servizz jassigura wkoll sapport lill-istaff li jaħdem fis-Servizzi Residenzjali u fil-Komunità, b'sistema ta' *on-call* (dejjem lesti għal meta jkunu msejħa) 24 siegħa kuljum.